MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1024/2002

**Paul Bonnici ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` C. Fino & Sons Limited**

**vs**

**World Enterprises Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta “World Enterprises Limited” hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ hamest elef u erbgha u sebghin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm5,074.52) valur ta’ tlettax (13) il-kambjala kkpja ta’ limea jinsabu annessi mac-citazzjoni u mmarkati Dok. “A”, “B”, “C”, “D” u “E”, enumerati minn

1224 sa 1236, liema kambjalijiet ghandhom valur unitarju ta' erba' mija u hmistax-il

lira Maltija (Lm415), accettati u skaduti pero` mhux imhallsa hlief ghal parti mill-kambjala enumerata 1224 u dana kif jidher ukoll mill-i"statement" unit mac-citazzjoni u mmarkat Dok. "F";

Illi l-ammont fuq indikat ta' Lm5,074.52 huwa cert, likwidu u dovut u l-istanti nomine halef dan b'affidavit anness mac-citazzjoni u markat Dok. "G", u kif ukoll li fil-fehma tieghu s-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talbiet tas-socjeta` attrici;

Illi l-attur nomine interpella inutilment lis-socjeta` konvenuta biex thallas l-ammont minnha dovut;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza minghajr is-smigh tal-kawza u dana skond l-artikoli 167 – 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma komplessiva ta' Lm5,074.52 import ta' tlettax-il (13) kambjala, enumerati minn 1224 sa 1236, tal-valur unitarju ta' Lm415, accettati u skaduti pero` mhux imhallsa hlief ghal parti mill-kambjala numru 1224, kif fuq inghad.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni prezentat kontestwalment mac-citazzjoni u bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data ta' l-effettiv pagament u li sal-5 ta' Awissu 2002 gia` jammontaw ghal Lm265.20 kif jidher mid-Dok. "F" anness mac-citazzjoni, kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Paul Bonnici u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

--------------------------------TMIEM--------------------------------